## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR IAN AZZOPARDI) V. KINAAN ABDINASIR NOOR (KI. 82501A)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Jannar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Kinaan Abdinasir Noor ta' 28 sena, mwieled nhar il-15/08/1996 residenti fil-fond 60, Spring Crt, Fl 2, Triq Dun Bartilmew Attard, Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0082501A (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 8 ta' Jannar 2025 mixli illi

**"nhar l-27/12/2024 ghall-habta tal-hinijiet ta' bejn 06:00 hrs u 07:00 hrs u fis-siegħat ta' qabel ġewwa Triq il-Makna Tas-Serrar, Msida u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin**

1. **Ikkometa serq ta' 'e-scooter' liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin minn ġewwa Triq- il-Makna Tas-Serrar, Msida u fil-viċinanzi, għad-detriment ta' Abhilash Sreedharan Muraleedharan u/jew persuni oħra u/jew entitajiet ohra - Art 281 tal- kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.**

2. **Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. fit-18 ta' April 2023 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor**

**U aktar talli nhar l-30/12/2024 ghall-habta tal-hinijiet ta' bejn 14:00 hrs u 15:00 hrs u fis-siegħat ta' qabel ġewwa Gnien Patri Felician Bilocca, Marsa, u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin**

3. **Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**

wara li rat li ġiet mitluba ukoll *inter alia* sabiex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Kinaan Abdinasir Noor u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u, jew tordna li is-somom marbuta jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta,

wara li rat li ġiet mitluba ukoll illi titratta lil Kinaan Abdinasir Noor bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal- Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta,

wara li rat li fis-seduta tal-lum 8 ta' Jannar 2025, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija *o meno* tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art. 49, 281, 289 u 579 tal-Kap. 9, l-Art 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 u l-Art. 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha (għall-finijiet ta' reċidivita' issibu reċidiv ai termini tal-Art. 49 u 289 iżda tagħżel illi ma tapplika l-ebda żieda fil-piena) u tikkundannah piena karċerarja ta' sena sospiża għal sentejn mil-lum ai termini tal-Art. 28A tal-Kap. 9. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni filwaqt li tagħżel illi ma tirrevokax id-digriet li bih ingħata l-benefiċċju mill-ħelsien tal-arrest mill-Qorti Kriminali fit-18 ta' April 2023, tordna**

**l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elfejn euro (€ 2,000) li l-ħati kien iddepożita bħala garanzija għall-finijiet tal-istess digriet.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y. M. Pace — Dep. Reġistratur